Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Città Beland

Frott iż-Żebbuġ Isml

| | | |
|---|---|---|
| **Seduta** | 07/14 tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2011 | |
| **Data** | 19/06/2014 fis-6.10pm | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | |
| **Attendenza** | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi-Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | Amanda Abela | Preżenti |
| | Joan Agius | Preżenti |
| | Claude Camilleri | Skużat |
| | Raymond Caruana | Preżenti |
| | Sean Chircop | Preżenti |
| | Stephania Fenech | Skużat |
| | Joseph Hales | Preżenti |
| **Preżenti wkoll** | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon<br>Assistent Prinċipal Caroline Schembri<br>Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ Christabel Carabott | |

**07. 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 1. 1 | | Proponent:Chircop<br>Sekondant: Caruana | Il-Minuti 06/14 inqraw u ġew approvati nem.con. Għal din il-laqgħa ma kienx hemm korrezzjonijiet. | |

07. 1. 2 **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv**

**07. 2. Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 2. 1 | 06.2.1 | Caruana: Twaħħil ta' sleeping policement fi Triq il-Lvant. | Il-Kunsillier Caruana reġa' fakkar lill-Kunsill sabiex titwaħħal l-isleeping policeman ta' Triq Lvant. Il-Kunsillier Hales spjega li hemm bżonn il-permess ta' TM. | Sindku |
| 07. 2. 2 | 06.2.2 | Agius: Ħlas lill-kuntrattur Frankie Mifsud | Il-Kunsilliera Agius staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-ħlas tal-kuntrattur Frankie Mifsud. Is-Sindku spjega li ser ikollna laqgħa mal-Ministru u jekk ma jkunx hemm żviluppi qabel, inqajjmuha waqt il-laqgħa mal-Ministru. | Sindku<br>Agius |
| 07. 2. 3 | 06.2.3 | Viċi-Sindku: Servizz ta' Ġbir ta' Ħġieġ | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk sarx kuntatt mal-Greenpak. Is-Sindku spjega li ghalkemm sar kuntatt, bqajna kif konna. Il-Viċi-Sindku qalet li għad hemm ilmenti li mhux qed jinġabar il-ħġieġ minn Triq Santa Marija. Is-Sindku qal li ser terġa tinġibded l-attenzjoni tal-kuntrattur u tal-Greenpak. | Agius |
| 07. 2. 4 | 06.2.12 | Caruana: Parkeġġ fi Triq Anġlu Gatt | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex isiru l-parking bays ~~quddiem Ta' Ganza~~ [illegible]. Is-Sindku qal li sar dak kollu li kellu jsir. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 07. 2. 5 | 06.2.13 | Agius: Boroż Ħodor | Il-Kunsilliera Agius ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar boroż ħodor li ma jinġabrux u jibqgħu fit-toroq sa l-għada. Hija semmiet ukoll il-problema li għandhom tas-St. Catherine Pharmacy. Is-Sindku spjega li dawk il-ħwienet li jiftħu tard u li l-gbir tal-boroz ikun diga sar, iridu jagħmlu użu mill-bring in sites. | Agius |
| 07. 2. 6 | 06.2.15 | Agius: Fuljett tal-Kunsill | Il-Kunsilliera Agius infurmat il-Kunsill li l-fuljett tal-Kunsill b'informazzjoni dwar korsijiet u attivitajiet tqassam. Tħejjiet ukoll lista bil-korsijiet tat-tfal. | Segretarjat |
| 07. 2. 7 | 06.2.17 | Chircop: Mera tat-traffiku fi Triq Bugħarbiel k/m Triq il-Qadi | Chircop staqsa jekk kienx hemm żviluppi għal din il-mera. Is-Sindku qal li qed naħdmu sabiex din il-mera titwaħħal. | Sindku |
| | | | Hales staqsa jekk kienx hemm żviluppi dwar il-kaz ta' Cancu Supreme. Is-Sindku rraporta li hu ressaqha quddiem is-Segretarju Parlamentari M. Falzon . Hu qal li hemm problema minħabba li l-area hi ODZ. Hales talab sabiex jekk meħtieg dwar dan il-każ nitkellmu mal-PrimMinistru (responsabbli mill-Mepa) bil-permess tas-sid. | Segretarjat |
| 07. 2. 8 | 06.2.19 | Chircop: Arti fil-Beraħ | Il-Kunsillier Chircop irraporta li l-attivita' Arti fil-Beraħ saret. | Chircop |
| 07. 2. 9 | 06.2.20 | Caruana: Fanali f'Misraħ Diċembru XIII | Il-Kunsillier Caruana irrimarka li hu kien talab sabiex jitneħħew il-fanali kollha. Is-Sindku spjega li mhemmx periklu iżda hemm problema peress li hemm cable twil ħafna. Bħalissa qed isir kuntatt mal-kuntrattur dwar ix-xogħljiet. | Sindku |
| 07. 2. 10 | 06.2.21 | Agius: Seminar Internazzjonali | Il-Kunsillier Agius infurmat lill-Kunsill li kellu stedina oħra mil-lecturer Maria Brown, din id-darba fil-Kottonera. Is-Sindku spjega li din evolvit iktar milli stennejna u ser ninsistu għall-messaġġ mingħand il-Profs Borg u Maria Brown filwaqt li ngħarrfuhom bil-progress li sar fl-Għaqda tal-Folklor Malti, Arti u Artiġjanat. | Agius |
| 07. 2. 11 | 06.2.22 | Agius: Attvitajiet - Jum il-Missier | Il-Kunsilliera Agius irrapurtat l-attivitajiet li saru għal Jum il-Missier fl-4 u 18 ta' Ġunju. | Agius |
| 07. 2. 12 | 06.2.24 | Viċi-Sindku: Attivita 28.05.2014 | Il-Viċi-Sindku rrapurtat l-attivita' li saret fid-Day Centre għar-residenti tad-Dar fejn saru xi eżerċizzji għall-anzjani. Kien hemm qbil li l-ispejjez jinqassmu bejn il-Kunsill u l-HSBC iżda l-ispejjez kollha involuti ġew imħallsa mill-HSBC. Is-Sindku staqsa kemm ħareġ flus l-HSBC. Huwa insista li kull entita kummerċjali li tipproponi attivtajiet simili, għandha taghti avviz lil Kunsill u jsir ftehim bil-miktub mas-Segretarju. | Viċi-Sindku |
| 07. 2. 13 | 06.2.25 | Viċi-Sindku: Applikazzjoni reserved parking 88, Triq San Klement | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-formola imtlit u ntbagħtet lil TM. | Viċi-Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 07. 2. 14 | 06.3.2 | Agius: Resurfacing | Agius staqsiet meta ser isir ix-xogħol ta' resurfacing minn TM fuq it-toroq imsemmija. Is-Sindku spjega li dwar Triq il-Palazzi għadna qed nistennew risposta filwaqt li Trejqet Ta' Pizzuta ser tkun lesta din il-ġimgħa u Trejqet iz-Zagħrun u Saghtar ser isiru wara. | Sindku |
| 07. 2. 15 | , 06.3.4 | Hales: Siġra mejta ħdejn il-Knisja ta' San Girgor | Hales irraporta li qed nistennew l-approvazzjoni mingħand il-Mepa. | Hales |
| 07. 2. 16 | 06.3.5 | Agius: Eco-wardens | Agius talbet sabiex fiż-Żejtun ikun hawn il-preżenza ta' l-eco wardens. Is-Sindku spjega li fil-laqgħa preċedenti tpoġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill,l-iskeda ta' l-eco-wardens. Sfortuntament m'hemmx wardens u m'għandniex kontroll. Kollox jiddependi mir-Reggjun. | Sindku |
| 07. 2. 17 | 06.3.6 | Hales: One-way fi Triq San Duminku. | Hales irraporta li mar mal-applikant fuq il-post, iżda għad irridu l-approvazzjoni ta' TM. | Hales |
| 07. 2. 18 | 06.9.3 | Viċi-Sindku: Bus Shelters<br>Hales | Hales irraporta li peress li kien baqa' ma sema xejn aktar mingħand TM, kien kitbilhom fejn dawn wieġbu li kienu ser jagħmlu kuntatt miegħu sabiex jiġi konkluż ir-rapport dwar l-evalwazzjoni tal-istess bus shelters. Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar seats fejn m'hemmx<br>Il-Kunsillier Caruana staqsa meta ser isir il-bus shelter ta' ħdejn l-HSBC. Hales innota li hemm ittra dwar dan fil-korrispondenza. | Hales |
| 07. 2. 19 | 06.9.4 | Caruana: Diversion Trasport Pubbliku | Hales irraporta li d-diversion tat-rotta 84 u 135 saret kif propost u l-bus stops ġew imwaħħla minn TM fejn mitlub b'mod temporanju.<br>Caruana talab biex għal sena oħra ikun hemm iktar għarfien dwar id-diversion tat-trasport pubbliku. Is-Sindku qal li kellhom isiru ukoll fit-terminus. | Hales |
| 07. 2. 20 | 06.9.6 | Hales: Nuqqas ta' ġbir ta' skart | Hales irraporta li ġiet miġbuda l-attenzjoni tal-kuntrattur dwar dan. | Hales |
| 07. 2. 21 | 06.9.7 | Hales: Dog Litter Bins | Hales issuġġerixxa li titwaħħal dog litter bin ħdejn kull bring in site. **Il-Kunsill qabel u qabel ukoll li jitwaħħlu dog litter bins viċin il-ġonna.** | Hales |
| 07. 2. 22 | 06.9.8 | Chircop: Trasport Pubbliku - Higher Secondary Naxxar | Chircop staqsa jekk kienx hemm progress dwar il-korrispondenza li ntbagħtet lil TM. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | Hales<br>Segretarju<br>Eżekuttiv |
| 07. 2. 23 | 06.9.9 | Hales: Tabella fi Triq l-Isqof Antonio Zahra | Hales irraporta li dawn reġgħu twaħħlu. | Hales |
| 07. 2. 24 | 06.9.12 | Chircop: Grupp Letterarju | Chircop informa lill-Kunsill li l-lejla ddedikata lid-djalett li kellha ssir fid-9 ta' Ġunju ma saritx. Din ser issir fl-14 ta' Lulju flimkien ma' Vers Agħtini ma' Miriam Cassar. | Chircop |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 07. 2. 25 | 06.9.13 Chircop: Attivita 'L-Aħħar Ħbit' | Chircop fakkar lill-Kunsill dwar l-attivita' 'L-Aħħar Ħbit' li ser issir fis-6 ta' Lulju. Tfassal programm flimkien mas-Sindku. Din l-attivita' ser titella b'kollaborazzjoni tad-Dipartiment tal-Ġustizzja u Gvern Lokali, l-Awtorita' tat-Turizmu, Għaqda Folkor Malti Arti u Artiġjanat u Show of Arms. Huwa qal li bejn l-4 u s-7 ta' Lulju ser jittella raħal medjevali ġo għalqa qrib San Girgor. Fil-5 u s-6 ta' Lulju il-Knisja ta' San Girgor ser tkun miftuħa għall-pubbliku. Fis-6 ta' Lulju fl-10.00 jibda defile' mis-Show of Arms, fil-għaxija ikun hemm wirja mis-Show of Arms u fit-8.30 pm jibda Dramm. Dan kollu ser isir suġġett li jiġi approvat minn dawk l-awtoritajiet li ssemmew aktar kmieni.Is-Sindku u l-Kunsilliera Agius qed jorganizzaw is-Son et Lumiere drammatizzat. | Sindku Chircop |
| 07. 2. 26 | 06.9.18 Caruana: Permessi tal-Kiosks | Caruana talab kopja tal-permessi tal-kiosks. Huwa ssuġġerixxa li ma jingħatawx permessi għal kiosk minn fejn tgħaddi l-purċissjoni kif ukoll quddiem l-armar tal-festa. **Il-Kunsill qabel**. Caruana irrimarka wkoll li tal-Whippy ma kellux jibqa' armat ftit 'l fuq mill-fergħa tal-Maltapost waqt il-purċissjoni iżda waqt il-marċi biss. Is-Sindku spjega wkoll li tal-mobile granita għaddiet ukoll minn nofs il-purċissjoni bla permess. | Sindku |
| 07. 2. 27 | 06.9.19 Agius: Mera mdawwra fi Triq Daħla ta' San Tumas faċċata ta' Triq Ġiebja Rumana | Agius infurmat lill-Kunsill li l-mera ġiet imdawwra għad-direzzjoni t-tajba. | Hales |
| 07. 2. 30 | 06.9.21 Agius: Ilment - KIDs | Agius staqsiet jekk kienx hemm progress dwar l-ilment li ressaq quddiem il-Kunsill dwar l-imġieba ta' ċertu tfal. Is-Sindku spjega li min għamel l-ilment ma riedx jersaq waħdu. | Sindku |
| 07. 2. 31 | 06.9.22 Viċi-Sindku: Sprall sfrundat f'Misraħ il-Bjar | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-isprall tranġa. | Sindku |
| 07. 2. 32 | 06.9.23 Viċi-Sindku: Żviluppi dwar zebra crossing fi Triq l-Isqof E. Galea | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk kienx hemm żviluppi dwar zebra crossing fi Triq l-Isqof E. Galea filwaqt li Agius ġibdet l-attenzjoni dwar dik ta' Triq il-Labour. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li għal dan it-tip ta' zebra crossing hemm bżonn ta' sketch mingħand il-Perit. Rigward it-talba ta' Agius sabiex issir zebra crossing fi Triq l-Arċipriet Degabriele, is-Sindku talab sabiex issir applikazzjoni quddiem TM. | Sindku |

**07. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML06/14. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 3. 1 | 09 | DLG: Estensjoni għal parti mill-kuntratt għal ġbir ta' skart | Il-Kunsill innota li d-DLG ma jsibx oġġezzjoni li l-parti tal-Kuntratt ta' l-Iskart Żona A jiġi mġedded sa l-aħħar ta' Marzu 2015. | Hales Segretarju Eżekuttiv |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 07. 3. 2 | 12 | Greenpak: Rapport 1st quarter 2014 | Il-Kunsill innota li kien hemm titjib fuq l-2013 u l-lokalita taż-Żejtun tinsab fit-8 post. Is-Sindku insista li rridu nkomplu naħdmu biex nimxu 'l quddiem f'dan il-qasam u rringrazzja lill J. Agius għal progress li sar. | Agius |
| 07. 3. 3 | 13 | KNPD: Armar tal-festa | Il-Kunsill qara din il-korrispondenza u innota li l-armar tal-festa qegħdin f'idejn il-Knisja. | |
| 07. 3. 4 | 14 | BUS SHELTER ~~F. Micallef: Parkeġġ fi Triq Santa Katarina~~. | Il-Kunsill innota l-korrispondenza tas-Sur Joe Spiteri, uffiċċjal ta' TM, fejn dan qed jinforma lill-Kunsill li x-xogħlijiet iridu jiġu approvati mill-MEPA. | |
| 07. 3. 5 | 17 | Fondazzjoni Nazareth: Folkfest | **Il-Kunsill approva nem.con li l-Fondazzjoni Nazareth tagħmel użu mill-Ġnien ta' San Girgor bejn l-24 u s-26 ta' Lulju sabiex tittella' l-attivita annwali 'Folkfest'.** u car wash f' Misraħ is-Suq | |
| 07. 3. 6 | | Agius: Gaffiero Productions | **Il-Kunsill approva wkoll li Gaffiero Productions tagħmel użu minn Ġnien San Girgor fit-23 ta' Lulju.** | |
| 07. 3. 7 | | TM: Reserved Parking - Lotto Office Triq A Cachia Zammit | **Il-Kunsill qabel nem.con li peress li l-lotto office hija entita kummerċjali, l-istess reserved parking bay għandha ssir bi spejjeż tagħhom stess.** | |

**07. 4.** **Ħlasijiet**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 07. 4. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 05/14 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 07. 4. 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 05/14 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 05/14 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 07. 4. 2 i | | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk il-kuntrattur Halmann Vella tħallasx għall-madum li tqiegħed fl-uffiċċji tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li l-ħlas ma sarx għax għalkemm ix-xogħol fl-intrata sar għat-tieni darba, dan ma sarx tajjeb. Il-Kunsill ħallas biss id-depożitu. | | |
| 07. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 06/14 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 07. 4. 4 | | Petty Cash - Mejju 2014 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-petty cash li ntefaq fix-xahar ta' Mejju hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €209.33.** | Segretarjat |

**07. 5.** **Xogħlijiet - Toroq**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 07. 5. 1 | | Caruana: Safety Barriers fi Trejqet is-Sagħtar. | **Il-Kunsill qabel nem.con li jissottometti talba quddiem TM sabiex isiru s-safety barriers maċ-ċint ta' Triq is-Sagħtar.** | Sindku |

07. 6. Xogħlijiet - Child Care Centre - Żona ta' barra

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 6. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xogħol fuq il-play area taż-żona ta' barra, tlesta. Qed nistennew iċ-ċertifkat għall-ħlas mill-Perit Audrianne Bonnici skond ir-rati li ntefgħu fil-kuntratt. **Il-Kunsill approva l-ħlas.** | Sindku |
| 07. 6. 2 | | | Is-Sindku talab sabiex isir il-knis ta' Ġnien l-Għannejja u sabiex jintrema nofs tank li hemm skartat fl-istess Ġnien. | Hales |

07. 7. **Probation ta' l-Impjegat il-ġdid**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 7. 1 | | Sindku: Impjegat ġdid Daniel Bezzina | Is-Sindku informa lill-Kunsill li fl-aħħar ta' Ġunju ser tiskadi l-probation ta' l-impjegat il-ġdid, Daniel Bezzina. Huwa talab lill-kunsilliera sabiex jgħaddu l-kummenti tagħhom. | |
| 07. 7. 2 | | | Wara l-evalwazzjoni tal-kummenti, il-maġġoranza tal-Kunsilliera qablu li jieħdu parir sabiex tiġi estiża l-probation period. | Sindku Segretarju Eżekuttiv |

07. 8. **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 8. 1 | | Għal din il-laqgħa ma kienx hemm mozzjonijiet. | | |

07. 9. **Affarijiet Oħra jekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 07. 9. 1 | | Christabel Carabott: Attendenza waqt il-laqgħa tal-Kunsill | L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ talbet lill-Kunsill meta l-membri tal-Kunsill taż-Żgħażagħ jista' jkun preżenti għas-seduta tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li l-laqgħat tal-Kunsill huma pubbliċi u jistgħu jattendu meta jridu. | Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ |
| 07. 9. 2 | | Christabel Carabott: Facebook page | Is-Sinj. Carabott infurmat lill-Kunsill li ġiet kreata facebook page mill-Kunsill taż-Żgħażagħ u għaldaqstant il-Kunsillier Chircop issuġerixxa li tittella' informazzjoni wkoll fuq il-website tal-Kunsill. | Chircop |
| 07. 9. 3 | | Sindku: Heritage Malta | Is-Sindku nforma lill-Kunsill li Heritage Malta ma ssottomettew xejn dwar il-fdalijiet rumani fiz-Zejtun u tas-Silg sabiex jigu allokati fondi tal EU 2014 - 2020. | Sindku |
| 07. 9. 4 | | Abela: Patching | Il-Kunsilliera Abela talbet sabiex isir patching quddiem dar 145 fi Triq President A. Buttiġieġ u quddiem 62, Triq Dun Spir Grixti. | Sindku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 07. 9. 5 | Abela: Tarġa Blk G Qasam Ta' Ganza | Il-Kunsilliera Abela ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar tarġa lli tinsab fi stat ħażin quddiem Blokk G Qasam Ta' Ganza. Il-Kunsilliera Agius taf b'dan il-każ kif ukoll dwar cupbaord li ta' l-aluminium li ma sarx. Dan għaliex il-kuntrattur Frankie Mifsud ma tħallasx min-naħa tal-Awtorita tad-Djar. | Agius |
| 07. 9. 6 | Hales: Ringrazzjamenti | Hales irringrazzja lill-kuntratturi, l-għaqdiet lokali u lill-pulizija għall-koperazzjoni tagħhom tul il-ġimgħa tal-festa. Huwa rringrazzja wkoll lil Gejtu Desira li provda il-bowser ghat-tindif. | Hales |
| | | Hales informa lill-Kunsill dwar inċident li ġara meta persuna offendiet il-Kunsill nhar il-jum tal-festa. Huwa għamel rapport fl-għassa tal-pulizja u dan il-każ ser jimxi quddiem il-Qorti. | Hales |
| 07. 9. 7 | Hales: Suffit tal-Latrina Pubblika f'Misraħ ir-Repubblika | **Il-Kunsill qabel li jitneħħa is-suffit tal-latrina ta' Misraħ ir-Repubblika u jagħmel sistema ġdida ta' dawl** peress li s-suffit qed iservi bħala hub tad-droga. | Hales |
| 07. 9. 8 | Chircop: Grupp Filatelija | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li l-Grupp Filatelija ser joħroġ zewġ bolol personalizzati fl-għeluq l-400 sena mill-Aħħar Hbit b'rabta ma' l-inkwatru ta' Cassarino u San Klement. ~~Dan ser jigbor 200 sena ta' storja taż-Żejtun 1436-1614~~. | Chircop |
| 07. 9. 9 | Chircop: Premju Frans Sammut | **Il-Kunsill qabel li jieħu sehem fil-kompetizzjoni għall-Premju Frans Sammut li jikkonsisti fl-użu tajjeb tal-lingwa Maltija.** | Chircop |
| 07. 9. 10 | Chircop: Skart madwar il-Bring in sites | Il-Kunsillier Chircop ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar problema ta' xi skart madwar xi bring in sites minn mindu tneħħew l-bins on wheels. Hales qal li wieħed mill-individwu li qed jilmenta, qed jagħmel ħsara apposta fl-istess bins. **Il-Kunsill qabel li jikteb lill-Greenpak sabiex idur il-bring in sites b'mod regolari.** | Hales |
| 07. 9. 11 | Chircop: Skips żgħar | Chircop issuġerixxa li minflok bins on wheels tul il-ġimgħa tal-festa, isiru skips żgħar. **Il-Kunsill qabel li għas-sena d-dieħla jsiru 5 zgħar.** | Chircop |
| 07. 9. 12 | Chircop: Sqaq San Feliċ | Chircop ġie avviċinat mir-residenti ta' Sqaq San Feliċ fejn dawn qed jitolbu li dik il-ġimgħa tal-festa, l-aċċess għall-pubbliku jingħalaq. Is-Sindku spjega li s-sena d-dieħla issir barrier. | Sindku |
| 07. 9. 13 | Chircop: Sqaqien li qed issirilhom il-gate | Chircop staqsa jekk l-isqaqien li qed issirilhom il-gate hux qed issir bil-permess. Is-Sindku spjega li l-policy tal-Kunsill hi li ma jsibx oġġezzjoni dment li jkun hemm qbil bejn ir-residenti. | Sindku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 07. 9. 14 | Caruana: Laqgħa mal-Pulizija qabel il-festa. | Caruana talab sabiex għas-sena d-dieħla issir laqgħa minn xahrejn qabel mal-pulizija. Is-Sindku qal li saret laqgħa mas-Superintendent. | Agius |
| 07. 9. 15 | Caruana: Litter bins fiċ-Ċentru | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex jitwaħħlu litter bins adegwati. | Hales |
| 07. 9. 16 | Caruana: Manutenzjoni tal-magħsar | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex issir il-manutenzjoni fuq il-magħsar. | Sindku |
| 07. 9. 17 | Caruana: Triq il-Gwiedi | Il-Kunsillier Caruana ġibed l-attenzjoni dwar l-istat li tinsab fih Triq il-Gwiedi. Is-Sindku spjega li din it-triq trid issir mill-ġdid. | Sindku |
| 07. 9. 18 | Agius: Attivitajiet | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li għal Jum l-Omm saret recreational activity ġewwa l-Paradise Bay Hotel. Ingħata wkoll bidu għar-4 edizzjoni ta' Tfal Jadottaw Anzjan ġewwa Skola Primarja B nhar il-11 ta' Ġunju. Għada, 20 ta' Ġunju ser issir attivita' ġewwa z-Zejtun Home b'dawn it-tfal fejn għaliha ser tattendi l-Onor Justine Caruana. | Agius |
| 07. 9. 19 | | Hija tat rendikont ta' l-attivitajiet li ser isiru li huma: 28.06.14 Agri-Turizmu ġewwa Sqallija, 11.07.14 Line Dancing flimkien ma' Marisa D'Amato, il-Kids Club ser ikompli jiltaqa' nhar ta' Sibt minflok nhar ta' Erbgħa, ser issir ukoll l-attivita' Festa Sajf nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Awwissu kif ukoll l-attivita' imtella' minn Gaffiero Productions fit-23 ta' Lulju. | Agius |
| | | L-attivita annwali zeta bailar ser issir fl-1 ta' Awwissu. | Fenech |
| 07. 9. 20 | Agius: One Way Triq Frank Ghio | Agius talbet lill-Kunsill jikkunsidra li Triq Emanuel Cannataci issir one way filwaqt li Triq Frank Ghio u Triq Ħal Bajda tinqaleb id-direzzjoni tat-traffiku eżistenti. Dan sabiex iż-żona tkun *ċirkulari*. Ser isir Studju dwar dan. | Sindku<br>Agius<br>Hales |
| 07. 9. 21 | Viċi-Sindku: Attivita | Il-Viċi-Sindku rrapurtat lill-Kunsill ż-żjara li saret f'SVDP lir-residenti Żwieten. Dawn ingħataw tifkira żgħira. Għal din iż-żjara attendiet Ms Joyce Pace fejn stednithom għall-quddiesa li saret fid-9 ta' Ġunju matul il-ġimgħa tal-festa. Hija rrimarkat li kien hemm problema ta' aċċessibilita' u talbet sabiex issir rampa quddiem il-Knisja. Is-Sindku spjega li jkun aħjar li din issir taħt l-istatwa ta' Santu Rokku. Dwar dan ser isir kuntatt ma' l-Arċipriet. | Viċi-Sindku |
| 07. 9. 22 | Viċi-Sindku: Barrier fi Triq il-Ħaddiem | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk il-crash barrier fi Triq il-Ħaddiem k/m Triq il-Labour tistax issir mis-sid il-ħanut Hair Clinic. Ir-risposta kienet fil-pożittiv. Fir-rigward tal-crash barrier mal-propjeta' fi Triq l-Isqof Emmanuel Galea ahjar issir bollard. | Sindku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 07. 9. 23 | Viċi-Sindku: Skart | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-ġbir a' l-iskart u l-knis madwar il-lokalita. Il-Kunsillier Hales spjega li thejja programm sabiex isir knis extra u jitneħħa l-ħaxix. Il-persuna li hemm extra fadlilha ħmistax il-ġurnata minn 6 ġimgħat. Sa nhar it-Tlieta jitlestew il-Housing Estates. Wieħed mill-kenniesa hemm bzonn li jinbidel u għaldaqstant ser ikun avviċinat il-kuntrattur. | Hales |
| 07. 9. 24 | Abela: Billboard TCTC | Abela ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar in-nota li kellha titnizzel fir-rigward tal-ħlas ta' Eur10 għan-noti mill-partċipanti iżda baqgħet ma tniżżlitx. Is-Sindku kkonferma li din saret fuq in-naħa t'isfel tal-billboard, ċara u tonda. Din in-nota tniżżlet ukoll fil-fuljett li tqassam fid-djar. | Camilleri |
| 07. 9. 25 | Abela: Kuntrattur Greenpak | Abela staqsiet dwar l-iskart u l-kuntrattur Greenpak. Is-Sindku spjega li l-kuntrattur Greenpak ried li s-sistema tar-*recycling tuesdays* titmexxa minnu iżda l-Kunsill ma aċċettax. Il-Greenpak kulma jieħu ħsieb hija t-tmexxija tal-ġbir tal-ħġieġ, liema ġabra l-Kunsill mhuwiex sodisfatt dwarha. Infatti ser tkun diskussa fil-kuntratt il-ġdid. | Sindku Agius |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.30pm. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis, 17 ta' Lulju, 2014 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm

Sindku

Segretarju Eżekuttiv